MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-13 ta' April, 2015

Avviz Numru. 149/2007

**Lloyds (Malta) Ltd fil-kwalita taghha ta' rapprezentanti *ex lege* u ghalhekk ghan-nom tal-membri tal-Lloyds illi flimkien jifformaw is-sindikati ta' Lloyds illi jgibu n-numru 980 u 218 u joperaw taht l-isem Ensign Motor Policies at Lloyds illi l-ismijiet taghhom jirrizultaw min-nota ppresentata kontestwalment, kif issurrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Simon Azzopardi skond il-polza ta' assikurazzjoni numru 24941-31/12, mahruga mill-imsemmija sindikati u Laferla Insurance Agency Ltd. bhala rapprezentanti lokali tal-istess sindikati, ta' 204/4, Old Bakery Street, Valletta.**

**vs**

**1. Direttur Generali (Qrati)**

**2. Registratur tal-Qorti (Kriminali)**

**3. Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors ta' tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenuti jigu kkundannati sabiex ihallsu s-somma ta' erbat elef Lira Maltin (Lm4000) rapprezentanti d-danni kkawzati minnhom jew minn minnhom lill-mittenti, liema danni gew kawzati minhabba d-dewmien ezagerat u mhux gustifikat fil-perjodu illi matulu l-vettura tal-marka Suzuki, numru ta' registrazzjoni LAK 897, assikurata mill-mittenti taht il-polza fuq imsemmija, baqghet fil-kustodja u taht il-kontroll taghhom jew minn minnhom meta kienet ezebita fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali rigward is-serq tal-vettura LAK 897 illi sehh fit-30 ta' Settembru 1998, gewwa High Street, Santa Venera u kif ukoll bhala konsegwenza tal-hsarat estensivi illi gew ikkawzati lill-istess vettura matul dan il-perjodu meta l-istess vettura kienet ezebita fl-atti tal-imsemmija Inkjesta Magisterjali u fil-kustodja u taht il-kontroll taghhom jew minn minnhom.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Ittra Ufficjali tat-23 ta' Frar, 2007 u bl-imghax legali minn dik id-data stabbilita appozitament minn dina l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Qrati) u r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet tar-rikors odjern huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif jista' jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh tar-rikors odjern.
2. Illi kif premess permezz ta' ittra ufficjali responsiva ta' l-intimati qatt ma kellhom il-kustodja tal-vettura LAK 897 u mill-indagni li saret ma jirrizultax illi kien hemm Inkjesta Magisterjali li titratta s-serq allegat tal-vettura u fi kwalunkwe kaz, kull ezebit mertu ta' Inkjesta Magisterjali, kif qed tallega s-socjeta' attrici, qatt ma jghaddi taht l-Awtorita' tal-intimati izda jibqa' taht l-Awtorita' tal-Magistrat Inkwirenti;
3. Illi ghalkemm informata ufficjalment, is-socjeta' attrici qed tinsisti u tinterpella inutilment lill-intimati.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-Avukat Generali ghadu mhux notifikat bir-rikors in risposta a tenur tal-Artikolu 181B(3).

Illi fit-tieni lok u wkoll in linea preliminari l-esponent m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet vantati mir-rikorrenti fil-konfront tieghu, stante li l-vettura LAK 897 ilha ghal diversi snin esebita fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali quddiem il-Magistrat Miriam Hayman;

Illi ghalhekk in kwantu din il-vettura tinsab esebita taht l-awtorita' tal-Qorti, l-esponent ma jirrispondix ghal danni kif ritenut mill-gurisprudenza nostrali;

Illi ulterjorment jigi eccepit illi l-esponent mhux talli ma kkawza ebda danni lir-rikorrenti talli sa mill-1 ta' Novembru 1999 u cioe' ftit xhur biss wara li nbdiet l-inkjesta Magisterjali huwa kien iddikjara fl-atti tal-istess Inkjesta Magisterjali li ma jsib ebda oggezzjoni ghar-rilaxx tal-istess vettura.

Illi fid-dawl tas-suespost l-esponent m'ghandux ibati spejjez.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija u n-nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur Generali (Qrati) u Registratur tal-Qorti (Kriminali)

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li fuqhom m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet, huma s-segwenti:

1. Fit-30 ta' Settembru 1998 kien insteraq vann tat-tip Suzuki b'numru ta' registrazzjoni LAK 897[1] ;
2. Dan il-vann kien propjreta' ta' Simon Azzopardi li kien assigurat minn Laferla Insurance Agency Limited, li hija r-rapprezentanti lokali tas-sindikati Lloyds (Malta) Ltd;
3. Fit-2 ta' Ottubru 1998 Simon Azzopardi mar jaghmel claim ma' Laferla Insurance Agency Ltd u kienu hallsuh erbat elef lira Maltin (LM 4,000) li minnhom kienu tnaqqsu mitt lira Maltin (LM 100) bhala excess.[2]
4. Fit-12 ta' Lulju 1999, dan il-vann li gie misruq intuza sabiex titwettaq serqa bi vjolenza f'fergha ta' bank u fil-kors ta' din is-serqa, dan il-vann intlaqat bi sparatura ta' arma tan-nar;
5. Konsegwenza ta' din is-serqa, infethu tlett inkjesti, liema inkjesti kienu ghadhom miftuhin sad-data ta' l-gheluq tal-provi tal-kaz odjern ;[3]
6. Il-vann in kwistjoni kien gie mizmum mill-Pulizija gewwa Ta' Kandja, limiti tas-Siggiewi;[4]
7. Is-socjeta attrici intavolat diversi rikori sabiex tigi rrilaxxata l-vettura in kwistjoni, li kollha gew michuda mill-magistrat inkwerenti, ghaliex mhux l-esperti kollha kienu ghadhom espletaw l-inkarigu taghhom. Fir-risposta tieghu tat-28 ta' Lulju 2000, il-Kummissarju tal-Pulizija, iddikjara li «*...m'ghandhux oggezzjoni ghat-talba tar-Rikorrent, u l-istess vettura tista' tinghata lura lir-Rikorrent taht xi provvedimeti li l-*

[1] Ara x-xhieda ta' Charles Galea a fol. 27 tal-process.
[2] Ara x-xhieda ta' Charles Galea a fol. 27 tal-process.
[3] Ara x-xhieda ta' Maria Dolores Fenech a fol. 71 tal-process.
[4] Ara x-xhieda ta' l-Ispettur Jesmond Borg a fol. 81 tal-process.

*Qorti jista' jidhrilha li jkunu opportuni.* »[5] Eventwalment din il-vettura giet eventwalment rilaxxata mill-Magistrat Inkwerenti b'digriet tat-13 ta' Lulju 2005 ;[6]

8. Meta s-socjeta attrici marret tispezzjona l-vettura f'Ta' Kandja, sabet li kien fadal biss il-karkassa. Fis-26 ta' Awwissu 2005, is-surveyor inkarigat mis-socjeta attrici iddeskriva d-danni hekk : *« A survey of this vehicle was made at Ta' Kandja Police Compound. ... ... This vehicle was practically stripped bare and what remains is a carcass. Engine block (with missing parts) and gearbox are in place. All seats and upholstery are missing. Both side sliding doors, tailgate, rear bumper and side glass windows missing. Other mechanical items may be missing as they are not readily visible. Instrument panel, both front wheels and headlamps are also missing. This vehicle in its present state has practically no value. »*

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

*L-Eccezzjoni tal-konvenuti d-Direttur Generali (Qrati) u r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali li m'humiex legittimi kontradditturi*

Dawn il-konvenuti ssottomettew illi kull esebit meritu ta' inkjesta magisterjali qatt ma jghaddi taht l-awtorita taghhom, izda jibqa' taht l-awtorita tal-Magistrat Inkwerenti, u ghaldaqstant m'humiex il-legittimi kontradditturi.

Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Jason Calleja**, deciza fit-3 ta' Lulju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet hekk :

[5] Ara Dok ML 2 a fol.63 tal-process.
[6] Ara Dok ML1-ML5 a fol. 60-69 tal-process.

*« Il-Magistrat Inkwerenti fil-kors tal-inkjesti … … ma jagixxix bhala Qorti Istruttorja, izda bhala Magistrat ut sic. Anzi, f'certi partijiet tal-Kodici Kriminali, bhal per ezempju, fl-artikolu 549(4), hemm cara d-distinzjoni bejn il-Magistrat Inkwerenti u l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja. … … Huwa anqas ma ghandu funzjoni ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali. … ….*

*In linea generali, il-Magistrat Inkwerenti hu fdat lilu l-inkarigu li fil-kazijiet previsti mill-istess Titolu, jinvestiga ir-reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew izomm l-access li l-ligi tipprevedi u fl-ahharnett jirredigi proces verbal li l-ligi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-process generali tar-ricerka tal-verita u jikkonsisti principalment fil-gbir u preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha, diretti u indiretti, li l-Magistrat Inkwerenti jirnexxilu jidentifika bhala pertinenti ghall-grajja jew reat li jkun qed jinvestiga. »*

L-Artikolu 671 tal-Kodici Kriminali, kif kien jaqra fiz-zmien in kwistjoni, cioe qabel l-emendi tal-2002, kien jippreskrivi hekk: *«L-oggetti ta' kull xorta li jkollhom x'jaqsmu ma' proceduri kriminali, ghandhom jibqghu merfughin taht idejn ir-registratur, u ghandha titnizzel deskrizzjoni taghhom bir-reqqa f'registru li ghandu jinzamm ghaldaqshekk:*

*Iza dawn l-oggetti jistghu jinzammu merfughin ghand persuna ohra, meta l-qorti jidhrilha mehtieg li tordna hekk. »*

L-inkjesta *in genere* hija forma ta' procedura kriminali u ghalhekk l-affarijiet ezebiti waqt l-inkjesta jigu merfughin taht idejn ir-Registratur, sakemm il-Qorti ma tordnax mod iehor. Ghalkemm fl-inkjesta, il-magistrat jagixxi *ut sic*, huwa notorju li huwa jkollu f'kull hin l-assistenza tad-deputat registratur, li jirrapprezenta lir-Registratur, li jiehu hsieb jerfa' l-oggetti li jigu ezebiti fl-inkjesta. Huwa notorju wkoll li d-deputat registratur tal-Magistrat Inkwerenti jkollu access ghall-atti tal-inkjesta. Konsegwentement din il-Qorti ma tistax taqbel li r-Registratur ma hux responsabbli ghall-oggetti ezebiti fil-kors ta' inkjesta *in genere.*

Pero, rigward il-vettura in kwistjoni, l-Ispettur Jesmond Borg xehed[7] li *« Ma nistghax nghid jekk din il-vettura gietx esebita u meta fl-atti ta' l-inkjesta dwar il-hold up. Ikun opportun li jixhdu f'dan il-kaz l-eks Supretendent Angelo Baldacchino u l-eks Spettur David Saliba li hemm referenza ghalihom fir-rapport li ser nesebixxi. »* Dawn iz-zewg ufficcjali tal-Pulizija ma telghux jixhdu. L-istess xehdet Maria Dolores Fenech, dak iz-zmien Assistent Registratur tal-Qrati Kriminali u cioe *« Lanqas m'ghandi record li l-vettura giet esebita formalment quddiem il-Qorti* (recte Magistrat Inkwerenti) ».

Fid-dawl ta' din ix-xhieda, u nuqqas ta' provi ohra fir-rigward, ma saritx il-prova li l-vettura in kwistjoni giet esebita formalment fl-atti tal-inkjesta, u konsegwentement in vista ta' dan il-fatt, id-Direttur Generali (Qrati) u tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ma humiex legittimi kontradditturi f'dawn il-proceduri.

*L-Eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li mhux legittimu kontradittur*

Meta ufficjali tal-Pulizija jelevaw oggetti mix-xena tad-delitt huma jkunu qed jaqdu wiehed mid-dmirijiet taghhom li jinsab impost fuqhom mill-Kodici Kriminali, u cioe l-Artikolu 357, jippreskrivi hekk : *« Meta ufficjal tal-Pulizija Esekuttiva jikxef armi, dokumenti, tracci jew sinjali jew hag'ohra li jkollha x'taqsam mar-reat, hu ghandu jfittex li jistabbilixxi u jizgura l-ezistenza taghhom u li jzommhom fl-istat li jkun sabhom, sakemm jaghmel ir-rapport tieghu lill-Qorti tal-Magistrati, u jekk ma jkunx jista' jzommhom, ghandu josserva l-istess procedura li hemm ghar-reperti. »* Kif intqal fis-sentenza **Antonio Dimech vs Kummissarju tal-Pulizija**, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' April 1996, dan l-obbligu tal-preservazzjoni da parti tal-Pulizija ma jitwelidx minn rapport kontrattwali ta' depozitu jew minn rapport ta' depozitu necessarju kif jinsab regolat mill-Kodici Civili, izda tali obbligu jitnissel mill-imsemmi Artikolu 357 tal-Kodici Kriminali innifsu, u hija relazzjoni *ad hoc.*

L-obbligu tal-preservazzjoni fuq il-Kummissarju tal-Pulizija jibqa' fis-sehh sakemm jigi involut il-Magistrat tal-Qorti, ghaliex minn hemm 'il quddiem l-obbligu tal-kustodja tal-oggetti tirrikadi fuq il-persuna tar-Registratur tal-Qorti. Fis-sentenza **Martin Cachia vs Kummissarju tal-Pulizija**, deciza fis-7

[7] Ara xhieda tal-Ispettur Jesmond Borg a fol. 82 tal-process.

ta' Lulju 2006, il-Qorti tal-Appell irriteniet illi *« ir-responsabbilita ghaz-zamma adegwata ta' dawk l-oggetti, ghaddiet minn fuq spallejnt l-appellant* (Kummissarju tal-Pulizija) *ghal fuq dan ir-Registratur u dan nonostante li l-appellant baqa' jzomm ghandu materjalment l-oggetti elevati. Dan ghaliex mill-punto di vista legali l-kustodja ta' l-istess oggetti saret responsabbilita tar-Registratur. Tant hu hekk li meta l-appellant ried jispezzjona l-istess oggetti elevati, huwa kellu jitlob l-permess tal-Qorti biex jaghmel dan. »* Ghalkemm l-insenjament ta' din is-sentenza sar fil-kuntest fejn l-oggetti gew esebiti quddiem Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u mhux quddiem Magistrat Inkwerenti, fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan l-insenjament huwa applikabbli *mutatis mutandis.*

Pero, kif diga inghad aktar il-fuq ma ngabet l-ebda prova li l-Pulizija ezebiet il-vettura in kwistjoni fl-atti tal-inkjesta, u ghaldaqstant, fil-kaz odjern il-Kummissarju tal-Pulizija baqa' responsabbli ghaz-zamma ta' din il-vettura, u konsegwentement huwa legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

*<u>Konsiderazzjonijiet fil-Meritu</u>*

Stabbilit li l-Kummissarju tal-Pulizija huwa l-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri, wiehed irid jara l-grad tar-responsabbilita tieghu. Fis-sentenza **Antonio Dimech vs. Kummissarju tal-Pulizija** fuq citata, il-Qorti tal-Appell irriteniet illi l-obbligu tal-Kummissarju tal-Pulizija f'dan il-kuntest huma aktar oneruzi minn dawk tad-depozitarju. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell irriteniet illi *« Infatti waqt li d-depozitarju kemm fil-kaz ta' depozitu volontarju, kif ukoll f'dak necessarju « ghandu fil-kustodja tal-haga tali depozitu jiehu hsieb daqs kemm jiehu fil-kustodja ta' hwejjgu » (art. 1899 tal-Kodici Civili), fil-kaz tal-Pulizija li ghandha taht il-kustodja taghha oggett mehtieg ghall-investigazzjoni ta' reat, l-obbligu hu li tipprezerva dak l-oggett « **fl-istat li jkun sabha** « (art. 357 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 fuq citat).*

*« Huwa provdut fil-ligi li min jircievi depozitu ghandu juza l-istess diligenza fuq il-haga depositata qisha kienet tieghu, jigifieri juza d-diligenza li jirrizerva ghall-hwejjeg tieghu … … Ghaldaqstant l-attur nomine bhala depozitarju kellu juza d-diligenza di buon padre di famiglia (Vol. XXIX P.I, p.1422). Ir-responsabbilita tal-Kummissarju tal-Pulizija ghall-oggetti minnu elevati u kustoditi, hi nfatti akbar*

*minn hekk ghaliex hu ma jistax jillimita d-diligenza tieghu ghal dik li jikkustodixxi dak l-oggett b'dik id-diligenza li wiehed ordinarjament jistenna li jiehu kura ta' hwejjgu, imma jrid attwalment jipprotegiha sal-punt li* ***jikkonservaha fl-istat li kienet*** *meta giet elevata u dan b'mezzi idoneji ghal dan l-iskop. Obbligu li jibqa' sakemm l-oggett jibqa' f'idejh u ma jigix fuq ordni tal-Qorti rilaxxat lill-imputat jew depozitat bhala prova fil-proceduri kontrih. »* (enfasi tal-Qorti tal-Appell).

Ghalhekk wiehed irid jara l-istat li fih kienet il-vettura in kwistjoni meta giet elevata mill-Pulizija. Charles Galea, l-claims manager tas-socjeta' assigurattrici xehed is-segwenti : *« F'Settembru 1999 konna gejna nfurmati illi din il-karozza kienet fil-pussess ta' l-Pulizija u li kienet intuzat madwar xahrejn qabel f'serqa … …. Naf illi meta sirna nafu b'dan, Mark Laferla direttur tas-socjeta' attrici kien mar jara l-istess karozza fejn kienet. Ma nistax nghid fejn ezatt. Meta gie lura Mark Laferla, dan kien infurmani li l-karozza in kwistjoni kienet fi stat perfett hlief ghal toqba ta' bullet go fiha. »*[8] Mark Laferla xehed mod kemmxejn differenti fejn qal, *« Qabel ma ttiehdet fil-pussess tal-pulizija wara li nstabet, kien ra s-surveyor taghna Tony Vassallo, u nista' nghid li din il-vettura ma kellha xejn fuqha bhala hsara, kienu ttiehdu ritratti wkoll. »*[9] Hawnhekk il-Qorti tinnota diskrepanza fil-verzjonijiet ta' dawn iz-zewg xhieda, u li r-ritratti imsemmija mix-xhud Laferla ma gewx ezebiti. Il-Qorti hija propensa li tati iktar affidabilita x-xhieda ta' Charles Galea li qal li l-vettura kellha toqba ta' bullet go fiha, u dan in vista tal-fatt li kienet giet involuta f'serqa aggravata bil-vjolenza. Altrimenti l-vettura kienet fi stat tajjeb.

Meta l-vettura giet rilaxxata lis-socjeta attrici kienet karkassa, bla ebda valur ekonomiku, ghaliex giet kompletament zarmata. Mhux kontestat li l-Pulizija zammet il-vettura gewwa Ta' Kandja. L-Ispettur Jeffrey Cilia xehed is-segwenti: *"Hemmhekk fil-fatt il-vetturi impounded jinzammu go ghelieqi n-naha ta' wara tal-post, f'Ta' Kandja li semmejt, ghalhekk facilment wiehed jista' jaccedi ghal fejn ikun hawn dawn il-karozzi min-naha ta' wara ta' fejn hemm ghelieqi privati."*[10] Il-Qorti ma tistax ma tiddeplorax il-fatt li vettura elevata mill-Pulizija tigi mizmuma f'post fejn tista' tigi acceduta facilment minn terzi persuni. Certament, il-Pulizija m'onoratx l-obbligu impost fuqha bl-Artikolu 357 tal-Kodici Kriminali li tikkonserva l-vettura fl-istat li sabitha.

[8] Ara x-xhieda ta' Charles Galea a fol. 27-28 tal-process.
[9] Ara x-xhieda ta' Mark Laferla a fol. 57 tal-process.
[10] Ara x-xhieda ta' l-Ispettur Jeffrey Cilia a fol. 95 tal-process.

Huwa vera li s-socjeta attrici ma tistax twahhal fil-Kummissarju tal-Pulizija li huwa zamm ghandu l-vann ghal perjodu ingustifikat, ghax il-Kummissarju ma kienx oggezzjona ghat-talba tas-socjeta attrici li l-vann jigi ritornat lilha, u kienet il-Magistrat Inkwerenti, li ghar-ragunijiet minnha moghtija, cahdet it-talbiet tas-socjeta attrici. Pero, il-fatt li ma oggezzjonax ghar-rilaxx tal-vettura ma jezimix lill-Kummissarju mill-obbligu impost fuqu mill-Artikolu 357 tal-Kodici Kriminali li jibqa' jikkonserva l-vettura fl-istat li sabha, sakemm il-Magistrat Inkwerenti tiddeciedi li tordna r-rilaxx taghha.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-Kummissarju jikkontesta l-ammont ta' danni pretizi. Huwa jissottometti li ma ngabet l-ebda prova li l-assikurat tas-socjeta attrici thallas l-ammont ta' erbat elef lira Maltin (Lm4000). Il-Qorti tirrileva li Charles Galea, il-claims manager tas-socjeta assigurattrici, xehed li hallsu dan l-ammont neqsin mitt lira Maltin (Lm100) bhala excess. Il-Qorti tqis li din il-prova hija sufficjenti. Pero il-mitt lira Maltin (Lm100) excess li ma thallsux mis-socjeta assiguratrici iridu jitnaqqsu mill-ammont pretiz.

Il-Kummissarju tal-Pulizija jilmenta wkoll li huwa ghandu jigi kkundannat li jhallas il-valur reali tal-vann, u mhux il-valur maqbul bejn l-assigurat u s-socjeta assigurattrici. Jekk il-Kummissarju tal-Pulizija deherlu li s-somma ta' erbat elef lira Maltin (LM4000) ma kienitx tirrispekkja l-valur reali tal-vann, huwa kellu jgib il-provi necessarji sabiex jipprova dan, u jikkontradici l-prova mressqa mis-socjeta attrici.

Pero huwa veru li l-vann kellu *bullet hole* meta nstab mill-Pulizija u ghalhekk il-Qorti se tnaqqas ulterjorment u *arbitrio boni viri* is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) mill-valur tal-vann, rapprezentanti d-danni li kellu fuqu l-vann meta nstab.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kif dedotti, tillibera lill-konvenuti Direttur Generali (Qrati) u r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali mill-osservanza tal-

gudizzju, u tikkundanna lill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' tmint elef hames mija u zewg Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€8502.21), rapprezentanti s-somma ta' tlett elef, sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm3650), bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-23 ta' Frar 2007 u bl-imghax legali mit-13 ta' Lulju 2005, id-data tad-digriet tal-Magistrat Inkwerenti li fih ordna ir-rilaxx tal-vettura in kwistjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------